

ITTRA TA' ĦATRA TAL-LEAR

(Ladarba l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ħatra tal-LEAR tkun imtliet, dan id-dokument jiġi ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru tal-Parteċipanti. Jenħtieġ li tistampah, jiffirmah ir-rappreżentant legali u mbagħad ittelligħu fir-Reġistru tal-Parteċipanti mal-kumplament tad-dokumenti ta' prova. Id-dokumenti oriġinali jenħtieġ li jinżammu disponibbli għall-kontrolli. Jekk tixtieq tikkonsulta verżjonijiet lingwistiċi oħra, irreferi għat-taqsimha tal-mudelli u tal-formoli fil-[paġna tad-Dokumenti ta' Referenza tal-Portal](#).)

Suġġett: **PIC:**

Isem l-entità ġuridika:

Jien, hawn taħt iffirmit(a),, fil-kapaċità tiegħi ta' u awtorizzat(a) biex nirrappreżenta legalment lill-organizzazzjoni tiegħi, **ħarta** bħala r-rappreżentant maħtur tal-entità ġuridika (LEAR) tagħna lil:

Isem:

Kunjom:

Titlu: Sinjur/Sinjura

Ġeneru:

Indirizz postali (triq, kodiċi postali, belt u pajjiż):

Indirizz elettroniku:

Telefon: +(.....).....

Faks: +(.....).....

Telefon ċellulari¹: +(.....).....

¹ L-attivazzjoni tal-kont tal-LEAR jirrikjedi il-log-in b'kodiċi PIN. Jekk tipprovdi numru ta' telefon ċellulari, dan il-kodiċi PIN jista' jintbagħat permezz ta' SMS. Jekk le jkollna nibagħtuh bil-posta. In-numru se jintuża esklussivament biex jintbagħat il-kodiċi PIN.

RWOLI U DMIRIJET TAL-LEARS

1. X'inhu LEAR?

LEAR tfisser **legal entity appointed representative** (rappreżentant maħtur ta' entità ġuridika.

Għall-organizzazzjonijiet (jiġifieri mhux għall-individwi), din hija persuna maħtura formalment mir-rappreżentant legali tal-organizzazzjoni biex twettaq ċerti kompiti f'isem l-organizzazzjoni, bħala parti mill-parteċipazzjoni tagħha fl-għotjiet, l-akkwisti u l-premijiet iffinanzjati mill-UE li huma ġestiti permezz tal-[Portal tal-UE dwar il-Finanzjament u l-Offerti](#) — is-sit web tal-UE speċifiku għall-finanzjament u l-offerti.

L-individwi awtomatikament għandhom ir-rwol ta' LEAR.

2. X'jista' jagħmel il-LEAR?

Bħala LEAR tista':

- **tara d-data** legali u finanzjarja tal-organizzazzjoni tiegħek fir-Reġistru tal-Parteċipanti
- titlob biex jiġu vvalidati l-**aġġornamenti ta'** din l-informazzjoni meta jkun meħtieġ
- timmonitorja jekk din l-informazzjoni ġietx **ivvalidata**, u meta
- timmonitorja l-użi kollha li jkunu saru mill-**kodiċi ta' identifikazzjoni tal-parteċipant** (PIC) tal-organizzazzjoni tiegħek.

3. X'hemm bżonn li tagħmel?

Bħala LEAR għandek ċerti obbligi formali:

- **tipprovd** *data* legali u finanzjarja aġġornata (inkluż — meta mitlubin — dokumenti ta' prova) dwar l-organizzazzjoni tiegħek.
- **tiġġestixxi** u **taġġorna** din id-data (*jiġifieri tabilitaha biex tkun tista' tintuża għall-ikkuntrattar u għal tranżazzjonijiet oħra bejn l-organizzazzjoni tiegħek u l-UE*). Dan ifisser li trid **tiċċekkja regolarment** li d-data tkun korretta u immedjatament titlob li jsiru modifiki.
- iddaħħal u taġġorna l-ismijiet tal-kollegi awtorizzati biex jaġixxu bħala **rappreżentanti legali u firmatarji** għall-organizzazzjoni tiegħek. Dawn huma persuni li għandhom il-fakultà li jimpenjaw lill-organizzazzjoni tiegħek legalment billi jiffirmaw kuntratti jew ftehimiet ta' għotjiet kif ukoll jawtorizzaw l-emendi għalihom.

Trid ukoll **tirrevoka** dan l-inkarigu għal kull kollega li ma jkollux aktar dawn is-setgħat.

- iddaħħal u taġġorna l-ismijiet tal-kollegi kollha awtorizzati biex **jiffirmaw rapporti finanzjarji** jew **fatturi** f'isem l-organizzazzjoni tiegħek.

Trid ukoll **tirrevoka** dan l-inkarigu għal kull kollega li ma jkollux aktar din l-awtorizzazzjoni.

- **tikkondividi l-kodiċi PIC** tal-organizzazzjoni tiegħek mal-kollegi li jistgħu jiġu bżonnu fit-trattar mal-UE (*pereż. biex jippreżentaw proposti għall-finanzjament jew għall-offerti permezz tal-Portal tal-UE dwar il-Finanzjament u l-Offerti*).

 Il-kompiti kollha jridu jsiru direttament fir-Reġistru tal-Parteċipanti.

4. Delegar tad-drittijiet u d-dmirijiet lil oħrajn

Tista' tiddelega kull dritt u obbligu elenkat fit-Taqsimiet 2 u 3 hawn fuq lil kollega wieħed jew aktar, li jaġixxu bħala **amministraturi tal-kont**.

Biex taqsmel dan trid tinnominahom għal dan ir-rwol billi tuża l-modulu ta' ġestjoni tal-identità u l-aċċess fir-Reġistru tal-Parteċipanti.

Dawn l-amministraturi tal-kont min-naħa tagħhom MA JISTGĦUX jiddelegaw dawn id-drittijiet/obbligi ulterjorment, lil persuni oħra.

FIREM

Għall-entità ġuridika

[firma]

[data]

[timbru]

Għal-LEAR

[firma]

[data]

Dokumenti ta' prova li jridu jittellgħu wkoll:

1. Dikjarazzjoni ta' kunsens għat-[Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Portal tal-UE dwar il-Finanzjament u l-Offerti](#)
2. Dokumenti legali li jagħtu prova tal-identità tar-rappreżentant legali (kopja ta' karta tal-identità, passaport jew dokument simili li jkunu validi)
3. Dokumenti legali li jagħtu prova li r-rappreżentant legali għandu l-fakultà li jiffirma f'isem l-organizzazzjoni
4. Dokumenti legali li jagħtu prova tal-identità tal-LEAR (kopja ta' karta tal-identità, passaport jew dokument simili validi)

KRONOLOĠIJA TAL-MODIFIKI		
VERŻJONI	DATA TAL-PUBBLIKAZZJONI	MODIFIKA
1.0	11.02.2014	Verżjoni inizjali
1.1	06.02.2015	Modifiki minuri fl-ifformattjar: Kanċellar tal-Kummissjoni b'ħala destinatariju. Żieda ta' tabella tal-verżjonijiet. Aġġornament tal-lista ta' dokumenti mehmuża u struzzjonijiet. Modifika tal-kulur ikħal.
2.0	17.08.2015	Żieda ta' kamp għat-telefon ċellulari biex jiffaċilita l-komunikazzjoni tal-kodiċi PIN għall-attivazzjoni tal-kont tal-LEAR permezz ta' SMS.
3.0	22.11.2017	Aġġornament biex jirrifletti l-modifiki fil-proċess tal-ħatra tal-LEAR (id-dokumenti oriġinali jridu jinżammu mill-organizzazzjoni filwaqt li l-kopji elettroniċi jittellgħu permezz tal-Portal tal-Parteċipanti). Fużjoni tal-ittra ta' ħatra tal-LEAR u d-dokumenti dwar ir-rwol u d-dmirijiet tal-LEAR
4.0	16.01.2018	Modifiki biex jiġi inkluż l-akkwist
5.0	02.06.2020	Modifiki minħabba regoli ġodda ta' validazzjoni. Portal ġdid SEDIA.
6.0	01.09.2022	Links to language versions.

KAMPJUN, MHUX GĦALL-UE